MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 835/2006

**Martin Aquilina, Mark Aquilina, David Aquilina, Eileen mart**
**Jean Paul Pagnoud, Christine Aquilina, Anthony Edgar Aquilina,**
**Edgar Anthony Aquilina, Erminia Borg Testaferrata, Joseph Frederick Aquilina, Emma Maria Aquilina, Helena Enriquez,**
**Julia Aquilina, Margaret Aquilina, Helen Azzopardi u b'digriet tal-14 ta' Dicembru 2009 il-gudizzju jghaddi mill-persuna**
**tal-attrici Helen Azzopardi ghall-persuna tar-rikorrenti wliedha**
**Tabib Dr. Dennis, Anne Claire sive Anne mart Victor Anastasi u**
**Maria sive Marina, ahwa Azzopardi u dan minhabba l-mewt tal-attrici Helen Azzopardi tul iz-zmien li l-kawza kienet miexja, u Victor Borg u**
**b'digriet tas-26 ta' Settembru 2011 il-gudizzju jigi trasfuz mill-persuna**

**ta’ Victor Borg ghall-persuni ta’ Tanya mart Mark Fenech u Peter Borg, ahwa Borg, u dan minhabba l-mewt ta’ Victor Borg fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Ludgarda sive Riccarda armla minn John Borg, Peter Borg,**
**Anthony Borg, Maria Teresa mart Joseph Deguara, Mario Borg,**
**Marika Bugeja u Helen mart Carmelo Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni atturi tat-12 ta’ Settembru 2006 fejn jinghad hekk:

1. Illi l-intimata Ludgarda sive Riccarda Borg hija l-armla ta’ John Borg li miet fit-30 ta’ Jannar 2002, filwaqt illi l-intimati Peter Borg, Anthony Borg, Maria Teresa mart Joseph Deguara, Mario Borg u Helen mart Carmelo Bugeja huma ahwa billi huma ulied l-intimata Ludgarda sive Riccarda Borg u l-mejjet John Borg. L-intimata Marika Bugeja hija bint l-intimata Helen mart Carmelo Bugeja;

2. Illi permezz ta’ ittra bonarja datata 13 ta’ Marzu 2006 (Dok. A) ir-rikorrenti kienu talbu lill-intimat Peter Borg ”*sabiex fi zmien gimgha tivvaka mill-art ikkulurita bl-ahmar fuq l-annessa pjanta*”; kopja ta’ liema pjanta qeghda tigi hawn esebita bhala Dok. B;

3. Illi permezz ta’ ittra datata 16 ta’ Marzu 2006 (Dok. C) il-konsulent legali tal-imsemmi intimat irrisponda ghan-nom tal-klijent tieghu fejn qal ”l-*istess Pietru Borg jirrispingi l-allegazzjonijiet minnkom fiha dedotti kontra tieghu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ghalqa illineata bl-ahmar fil-pjanta annessa mall-ittra tal-konsulent legali taghkom hija minnu detenuta taht titolu ta’ preskrizzjoni*”;

4. Illi minn ricerki illi ghamlu r-rikorrenti jirrizulta illi permezz ta’ att dikjaratorju ppubblikat minn Nutar Dottor

Tonio Spiteri fit-18 ta’ Lulju 2002 (Dokument D) l-intimati ppremettew

i. *Illi fit-tlettin ta’ Jannar tas-sena korrenti (30.1.2002) miet John Borg, iritirat, bin il-mejtin Pietro Borg u Carmela nee Borg, drabi ohra maghrufa wkoll bhala Carmela nee Portelli, imwieled u kien joqghod Birkirkara u li kellu karta tal-identita numru 4441127M;*

ii. *Illi hu kellu testment fl-atti tieghi tal-hdax ta’ Novembru elf disa mija u disgha u disghin (11.11.1999) fejn halla l-uzufrutt tal-assi kollha tieghu lil martu Ludgarda Borg u nnomina b’eredi universali tieghu lil hames uliedu, l-ahwa Borg, fi kwoti ugwali bejniethom f’sesta (1/6) parti indiviza kull wiehed u wahda u fir-rimanenti sesta (1/6) parti indiviza lin-neputija tieghu Marika Bugeja;*

iii. *Illi fid-data tal-mewt tieghu d-decujus kien jippossjedi f’assoluta proprjeta:-*

a. *- Omissis -*

b. *L-ghalqa kontrada tal-Qasbija, fil-limiti tal-Iklin, drabi ohra limiti ta’ Birkirkara, tal-kejl superficjali ta’ circa hamest elef u sitt mitt metri kwadri (5,600mk) tikkonfina xlokk in parti ma’ Triq Dun Karm, u in parti ma’ Sqaq Jannara, u mill-irjieh l-ohra kollha ma’ beni ta’ nies mhux maghrufa bhala libera u franka bid-drittijiet giustijiet u pertinenzi kollha taghha, pero fuq parti minnha tinsab ghaddejja Triq Dun Karm, u kif tinsab ukoll indikata bl-ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u markata dokument ’X’, tal-valur ta’ ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000)”.*

5. Illi fl-istess att l-intimati ddikjaraw illi l-ghalqa fuq imsemmija:

*”... tifforma parti mill-assi partikolari tad-decujus stante li giet akkwistata minnu qabel iz-zwieg”*

6. Illi mhuwiex minnu illi l-ghalqa fuq imsemmija kienet tappartjeni lid-decujus John Borg;

7. Illi fil-fatt l-istess ghalqa tappartjeni lir-rikorrenti;

8. Illi l-intimati qeghdin jokkupaw l-imsemmija ghalqa minghajr ebda titolu validu tal-ligi;

10. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-ghalqa li ghaliha saret referenza fl-ittra Dokument A u kkulurita bl-ahmar fid-Dokument B hi l-istess ghalqa li fl-att dikjaratarju ppubblikat minn Nutar Dottor Tonio Spiteri fit-18 ta' Lulju 2002 giet deskritta bhala ”*l-ghalqa kontrada tal-Qasbija, fil-limiti tal-Iklin, drabi ohra limiti ta' Birkirkara, tal-kelj superficjali ta' circa hamest elef u sitt mitt metri kwadri (5,600mk) tikkonfina xlokk in parti ma' Triq Dun Karm, u in parti ma' Sqaq Jannara, u mill-irjieh l-ohra kollha ma' beni ta' nies mhux maghrufa bhala libera u franka bid-drittijiet giustijiet u pertinenzi kollha taghha, pero fuq parti minnha tinsab ghaddejja Triq Dun Karm, u kif tinsab ukoll indikata bl-ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u markata dokument 'X', tal-valur ta' ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000)”*;

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi mhuwiex minnu illi din l-ghalqa tappartjeni lill-intimati u li l-istess ghalqa fil-fatt tappartjeni lir-rikorrenti u hija proprjeta tal-istess rikorrenti;

3. Konsegwentement tiddeciedi u tiddikjara illi d-dikjarazzjoni maghmula mill-intimati fl-att dikjaratorju ppubblikat minn Nutar Dottor Tonio Spiteri fit-18 ta' Lulju 2002 illi l-ghalqa msemmija kienet tappartjeni lil John Borg mhijiex minnha u ghalhekk m'ghandha l-ebda effett fil-fatt u fid-dritt;

4. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimati qeghdin jokkupaw l-imsemmija ghalqa, proprjeta tar-rikorrenti, minghajr ebda titolu validu fil-ligi; u

5. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jizgumbraw mill-imsemmija ghalqa;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati skond il-ligi, inkluz dik ghad-danni;

Rat l-eccezzjonijiet mressqa minn Ludgarda Borg, Anthony Borg, Maria Teresa Deguara, Mario Borg u Peter Borg jinghad hekk:

1. Illi preliminarjament l-atturi jridu jippruvaw l-allegazzjoni taghhom illi l-ghalqa meritu ta’ din il-kawza ”tappartjeni” lilhom, u jekk jirnexxilhom jippruvaw dan, kif giet ghandhom u f’liema kwota tappartjeni lilhom individwalment;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi l-azzjoni kkontemplata mill-atturi kontra l-eccipjenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat l-eccezzjonijiet mressqa minn Marika Bugeja u Helen Bugeja fejn jinghad hekk:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ghalqa mertu tal-kawza ilha okkupata come dominus minn Marika Bugeja u Helen mart Carmeo Bugeja ghal aktar min tletin sena u kwindi saru proprjetarji taghha bil-preskrizzjoni akwizittiva;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici u t-trattazzjoni verbali tad-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2011;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Ottubru 2011.

**Kunsiderazzjonijiet**

**Titolu**

Jirrizulta mill-qari tal-premessi u talbiet attrici li din hi hawza rei vindicatoria. Kontra din it-talba l-konvenuti Borg u Deguara jopponu l-preskrizzjoni estentiva tal-azzjoni bid-dekors ta' tletin sena skond l-art. 2143 Kodici Civili mentri l-konvenuti Bugeja jopponu l-preskrizzjoni akkwizittiva da parti ta' Marika u Helen Bugeja fil-konfront tal-atturi. Dan indipendententement mill-validita tat-titolu li jippretendu li ghandhom l-atturi li f'kull kaz il-konvenuti Borg u Deguara qed jitolbu lill-atturi jipprovaw. Kif intqal fis-sentenza Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d'Amico Inguanez u Emanuel Sammut (PA 28.03.2003) liema estratt ta' sentenza qed tigi riportata verbatim:

"Min jitlob ir-rivendikazzjoni jrid jipprova d-dominju ossija l-proprjeta` fih tal-haga li jrid jirrivendika. Mhix sufficjenti l-prova li dik il-haga mhix tal-konvenut, imma jrid juri pozitivament li hi tieghu nnifsu, ghaliex "*melior est conditio possidentis*", u din il-prova hemm bzonn li tkun kompleta u konklusiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut." ("**Wisq Rev. Kan. Giuseppe Cassar noe -vs- Emmanuele Barbara et**", Appell Civili, 7 ta' Ottubru 1980);

"Il-jedd tal-proprjeta` u l-azzjoni rivendikatorja tal-proprjeta` huma haga wahda u ghalhekk, ghalkemm min ikun ha taht idejh ghaz-zmien mehtieg l-immobbli ta' haddiehor jakkwista dak l-immobbli bis-sahha ta' uzukapjoni, sid l-immobbli qatt ma jitlef il-jedd ghall-azzjoni rivendikatorja, ikun ghadda zmien kemm ghadda." ("**Perit Carmelo Falzon -vs- Alfred Curmi**", Prim' Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta' Ottubru 1995; "**Nancy Mangion et -vs- Albert Bezzina Wettinger**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001);

"Il-gurisprudenza taghna waslet sal-punt li tirritjeni li anke jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah, jekk ir-revindikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubju" ("**Giuseppe Buhagiar -vs- Guzeppi Borg et**" Appell Civili, 17 ta' Novembru 1958);

Dan anke ghaliex "*il possessore non deve provare cosa alcuna in forza della regola giuridica 'possideo quia possideo', e spetta al suo avversario di provare la mala fede del possessore, perche la buona fede sempre si presume ed il possesso e` il migliore dei titoli, copre tutto, ed anzi li fa supporre tutti*" ("**Negte W. Lenard nomine - vs- Lorenzo Fabri**", Qorti tal-Kummerc, 13 ta' Dicembru 1883)".

Fil-kaz in ezami l-mertu tal-kontenzjoni li fuqha jaqblu l-partijiet hi bicca art tal-kejl ta' circa hamest elef sitt mija u tnejn u sebghin metri kwadru (5,672) fil-kontrada ta' Jannara sive Ta' Sqaq Jannara li tirrizulta minn diversi dokumenti esebiti senjatament il-pjanta a fol. 7 tal-process, dokument 'B' fejn l-art hi cirkoskritta bl-ahmar fuq l-istess pjanta. L-istess art terga tirrizulta fid-dokument VV a fol. 177 esebita mir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u cirkoskritta bil-kulur ahdar bin numru 2.

F'dan il-kaz il-Qorti ma ghandhiex dubbju fondati li l-atturi huma l-proprejtarji tal-art in kwistjoni. Gie esebit l-akkwist originali Dok. IVG a fol. 245 tal-process datat 11 ta' Settembru 1937 Atti Nutar Salvatore Borg Clerici fejn Giuseppe Borg u Antonio Aquilina f'isem id-ditta Borg and Aquilina akkwistaw din l-art. Terga tissemma fil-kuntratt Atti Nutar Joseph Gatt tas-7 ta' April 1951 (Dok. MA1 fol. 27 et seq tal-process) parti mill-art fejn regghet giet akkwistata mis-socjeta' Borg and Aquilina. Fil-kotba tad-Dipartiment tal-Agrikoltura jirrizulta illi 'declared landlord' huma Borg and Aquilina. Jirrizulta wkoll illi din l-art kienet imqabbla lil George Schembri (Dok. MA2C registrata mal-Ghammieri fis-27 ta' April 1944) u iktar tard lil bintu Victoria u illi fis-26 ta' Ottubru 1972, il-gabillott irrilaxja l-art lura f'idejn is-sid Borg and Aquilina. Din tal-ahhar hi informazzjoni mehuda mid-dokumenti tad-dipartiment

pero x-xiehda tar-rapprezentant tad-dipartiment hi fis-sens li l-bidwi stess ikun taha l-informazzjoni lid-dipartiment li telaq l-art. Din l-art giet inkluza fil-kuntratt causa mortis ta’ Emanuel Joseph Aquilina bin Antonio (ara Dok. MA 5 a fol. 34 tal-process) u fil-kuntratt causa mortis ta’ Francis Xavier Aquilina bin Antonio Aquilina (ara Dok. MA6 a fol. 57 tal-process), li taghhom l-atturi eskluz Victor Borg huma l-avventi causa. Joseph Aquilina miet fil-1993 mentri Francis Xavier Aquilina miet fil-2002. Emanuel Aquilina hu missier ir-rikorrenti Anthony Edgar, Edgar Anthony, Erminea, Joseph Frederick, Emanuel Maria Helena u Julia ahwa Aquilina, Francis Xavier hu missier Martin, Mark, David, Eileen, u Christine Aquilina. Victor Borg l-attur l-iehor li miet fil-mori tal-kawza u l-atti tieghu gew legittimati f’isem l-eredi tieghu hu bin Giuseppe Borg li tieghu pero ma gietx esebita denunzja jew kuntratt causa mortis. Ma gietx esebit ukoll il-causa mortis ta’ Helen Azzopardi oht Emanuel Joseph u Francis Xavier Aquilina li mietet fil-mori tal-kawza.

Mid-dokumenti esebiti l-Qorti ma tqis li hemm xi stat ta’ incertezza jew dubju dwar it-titolu tal-atturi li rrnexxilhom jippruvaw sodisfacentement t-titolu taghhom fuq l-immobbli in kwistjoni u l-parentela. Dan inghad ukoll minghajr ma titnaqqas l-importanza (eskluz ghal mument il-kontenut) ta’ dak li jinghad f’Dok. MA4 datat 21 ta’ Ottubru 1972 fejn Ganni Borg, ir-ragel ta’ Ludgarda Borg u missier il-konvenuti u nannu tal-konvenuta Marika Bugeja ffirma skrittura ma’ Victor Borg indikat bhala proprjetarju f’ismu u f’isem proprjetarji ohra dwar l-ghalqa ’Ta’ Sqaq Fawwara’ kif gieli giet indikata l-istess ghalqa in kiwstjoni w anki tirrizulta mill-kuntratt originali tal-akkwist tal-1937.

Ghal kjarezza jigi rilevat illi l-konvenut Peter Borg jokkupa bicca art ohra u razzett li tmiss ma’ din in kwistjoni minghand l-atturi b’titolu ta’ qbiela (li tidher immarkata bin-numru (1) fuq il-pjanta a fol. 7 tal-process u fil-pjanta tad-Dipartiment tal-Agrikoltura a fol. 177 tal-process Dok. VV markati bin-numru (1) ukoll. Din l-art qabel l-1977 kienet imqabbla lil missier Peter Borg cioe John Borg. Din l-art ma tifformax mertu tal-azzjoni odjerna.

**Preskrizzjoni akkwizittiva u estintiva ta' tletin sena**

Stabbilit it-titolu da parti tal-atturi, jinkombi issa fuq il-konvenut li jippruvaw il-preskrizzjoni favur taghhom u kontra l-atturi li johrog mill-artikolu 2143 tal-Kodici Civili li jghid:

"L-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi";

Jinsab insenjat illi "lil min jallega l-uzukapjoni trigenarja bhala bazi tad-dominju minnu vantat, ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta' titolu jew tal-bona fede. U l-bona fede ma hix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta' tletin sena irid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrot, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala '*causa acquisitionis*' tista' tkun tacita, cioe` deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni" (**Vol. XXXV P I p 105**)".

Kif insenjat b'mod tant car il-Qorti fil-kawza Salvino Testaferrata Moroni Viani vs Francis Montanaro (PA 27.06.2003):

"una volta l-attur jipprova dan id-dritt tieghu ta' dominju, "m'ghandux ghalfejn jaghmel xejn izjed; senjatament m'ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva li l-konvenut m'ghandux id-dritt reali li qed jikkompa in kwantu tali prova tispetta allura lill-konvenut li jkun qed jallegaha" – "**Carmelo Mercieca –vs- Emanuela Sant**", Appell Civili, 6 ta' Lulju 1968;

Kif fuq gja ntqal il-konvenut uzukapjent biex jirnexxi fid-difiza u sostenn tad-dritt eccepit minnu irid jipprova l-akkoppjament tal-pussess mad-dekors taz-

zmien. Fuq kollox ghal dak li hu l-fattur zmien irid jaghmel il-prova konvincenti tal-bidu tal-pussess vantat minnu billi ma tistax titqies sufficjenti s-semplici affermazzjoni generika "*longissimi temporis praescriptio*". Kjarament ukoll dan il-bidu hu allaccjat mal-mument fokali meta l-preskrivent jibda jipposjedi b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku l-proprjeta` li hu jew l-aventi kawza jew awtur tieghu intenzjonati jippreskrivu. Huma proprju dawk il-kundizzjonijiet li juru l-kwalita tal-pussess *animo domini*, kongunta s'intendi maz-zmien rikjest mil-ligi biex tassahhah il-preskrizzjoni (**Vol. XLVI P I p 381**);

Jinsab insenjat ukoll illi "l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha – *animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini*" - "**Carmelo Caruana et –vs- Orsla Vella**", Appell Civili, 13 ta' Marzu 1953. "Mhux bizzejjed li jkun ezercizzju bil-bona grazzja jew tolleranza" (**Vol. XLI P I p 178**);

Rilevanti wkoll li jigi annotat illi skond l-Artikolu 2118 tal-Kodici Civili dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor ma jistghux jippreskrivu favur taghha infushom, ighaddi kemm ighaddi zmien. Dawn jinkludu l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji u generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom. "Mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja" ("**Victor Chetcuti et –vs- Michael Xerri**", Appell, 31 ta' Mejju 1996);

Qabel esplorazzjoni tal-provi fil-kaz prezenti ma jkunx ozzjuz li jigi imfakkar illi l-figura specifika tal-pussess flimkien man-normi li jiddixxiplinawha mhix riferibbli biss ghall-inizzju jew semplicement ghat-tmiem tal-pussess, izda ghandha tipperdura matul iz-zmien kollu mehtieg ghall-preskrizzjoni;

Barra minn dan hu maghruf ukoll illi ghall-finijiet tal-preskrizzjoni hawn trattata s-successuri fil-pussess jaggungu mal-pussess taghhom dak tal-predecessuri taghhom basta, s'intendi, jkunu jikkonkorru d-debiti vinkoli guridici bejn is-successuri u l-predecessuri taghhom u, inoltre wkoll l-istess xorta ta' pussess materjali u guridiku fis-sens fuq espress.

Ghalkemm huma biss il-konvenuti Bugeja li qajmu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva, ghalkemm il-konvenuti l-ohra qajmu l-preskrizzjoni estentiva tal-azzjoni da parti tal-atturi b'gheluq it-tletin sena, japplika l-insenjament tal-Laurent (Principal di Diritto Civile Vol XXXII para 367 et seq) ”L-azzjoni tal-proprjetarju biex jiehu dak li hu tieghu ma tistax tigi opposta b'semplici preskrizzjoni estentiva imma b'dik akkwizittiva, involgenti l-pussess tal-eccipjenti” (Carolina Dawson et vs Marianna Debono et PA 7.11.1935 Vol XXIX p11 pg 736).

Ghalkemm il-konvenuti Bugeja jallegaw fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom illi huma ilhom jokkupaw come dominus l-art in kwistjoni ghal aktar minn tletin sena pero l-provi fil-kawza juru precizament bil-kontra. Marika Bugeja li hi n-neputija ta' John Borg tixhed testwalment a fol. 316 et seq tal-process ”Meta miet in-nannu (30.01.2002) gie z-ziju Pietru Borg u qalilna 'hemm bicca ghalqa' qalilna 'ili nahdimha xi tletin sena' 'tiffirmawli ha nipprova naghmilha denunzja fit-testment biex nipprova li din l-art tigi taghna'. 'U morna ghand in-Nutar Spiteri. Jien ma rried xejn mill-ghalqa'. Ziedet li ma taf xejn dwar l-ghalqa u fuq il-kuntratt causa mortis ta' John Borg li sar fit-18 ta' Lulju 2002 (Dok. TS1 a fol. 320 tal-process) jidher li dehret ukoll f'isem ommha.

Ommha Helen Bugeja xehdet (fol. 325 et seq tal-process) illi marret ghand ommha Ludgarda Borg li qaltilha li riedet tikteb bicca ghalqa fuq binha Peter, u kienet qed tirreferi ghal ghalqa mertu tal-kwistjoni. Kwazi kkmandatha bil-fors biex isir hekk.

Dawn il-brani ta' xiehda jeskludu ghal kollox xi forma ta' pretensjoni ta' titolu fuq l-art da parti ta' Marika u Helen Bugeja, ghax jonqos l-element kemm tal-pussess materjali u l-intenzjoni tad-dominju fuq l-istess.

Anki jekk wiehed jiskarta d-diskrepanza bejn dak allegat fin-nota ta' eccezzjonijiet ta' Marika u Helen Bugeja ma' dak allegat mill-konvenuti l-ohra senjatament Peter Borg li ukoll iridu jippruvaw l-elementi fattwali w intenzjonali biex jippreskrivu titolu favur taghhom, jidher illi l-uniku wiehed mill-konvenuti li qed jivvanta pussess fuq l-art uti dominus hu Peter Borg.

Ludgarda Borg armla ta' Gianni Borg tixhed (fol. 263 et seq tal-process) hekk: "Jien naf li darba gie ferhan ftit izjed mis-soltu r-ragel u qalli "Illum akkwistajna bicca ghalqa ohra ghax min kien qed jahdimha xjieh u ma ghadux jiflah u gie ta' Aquilina u tahieli". Peter kellu xi 15-il sena, ma tafx zewgha kienx ihallas qbiela fuq l-art. Ziedet li zewgha qalilha biex jaghtu l-ghalqa lil Pietru biex jahdimha hu billi kien ikun dejjem ma' missieru".

Peter Borg jixhed li ilu jahdem l-ghalqa in kwistjoni xi 36 sena u kellu xi 16-il sena meta l-ghalqa giet f'idejn missieru u tahielu biex jahdimha. Qatt ma ntalbu jhallsu xi haga u ghalkemm ihallas qbiela fuq art u razzett adjacenti ghall-art in kwistjoni lil ta' Aquilina qatt ma sar diskors fuq l-ghalqa in kwistjoni hlief meta rceva ittra ftit qabel il-kawza. Hu jghid li missieru ma semmiex l-art fit-testment.

Bhala fatt jirrizulta illi missier Peter Borg cioe Gianni Borg iffirma skrittura ma' Victor Borg wiehed mis-sidien tal-art li deher f'ismu u f'isem is-sidien l-ohra fejn Victor Borg inghata din l-art b'din il-kundizzjoni cioe "li ser jokkupa minghajr ebda titolu fil-ligi u minghajr ma jhallasna ebda qbiela jew kumpens iehor". Din il-kundizzjoni tidher cara fl-iskrittura tal-21 ta' Ottubru 1972 a fol. 107 tal-process Dok. VB4. Din il-kundizzjoni cara turi li l-art giet ghand Gianni Borg b'mera tolleranza. Din id-data tikkombacja ma' dak li xehdet Ludgarda Borg u Peter Borg dwar is-sena meta huma gew fil-pusses materjali tal- art.

Kif ighid il-Laurent ”colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salva un con senso dal propietario che questi puo ritirare da un istante all altro” (Vol XXXII para 297). Inoltre l-artikolu 526 tal-Kodici Civili jghid li ”dawk l-atti li huma biss fakollativi jew li jithallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistghux jiswew ta’ bazi ghal ksib tal-pussess”. Kif qalet il-Qorti fil-kawza Luigi Ellul et vs Roger Casha (App Civ 13.03.1950) ”it-tolleranza ma tatribwixxi ebda dritt lill-parti wahda; u ebda obbligu konsegwenti u korrispettiv lill parti ohra ... u min igawdi minnha ma jkunx qed igawdi bi dritt ghax in-natura taghha ma taqbilx mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessita tal-adempiment”. Inoltre atti ta’ semplici tolleranza, ma jistghux iservu ta’ bazi ghal pussess, lanqas jekk ezercitat ghal zmien immemorabbli (Vol XXIX p11 pg 854).

Jista’ jigi argumentat illi l-preskrizzjoni akkwisitiva mhix qed tigi vantata min Gianni Borg izda min Peter Borg li effettivament jirrizulta li jokkupa l-art.

Pero kontra dan l-argument, jekk tinsa’ ghal mument dak li xehdet in-neputija ta’ Peter Borg, cioe Marika Bugeja dwar il-kuntratt causa mortis ta’ Gianni Borg, jirrizulta bhala fatt inkonfutabbli illi Peter Borg, ghalkemm jallega li qed jivvanta dritt ta’ proprjeta per usucapione f’ismu, pero l-kuntratt causa mortis ta’ Gianni Borg li tinkludi l-proprjeta in kwistjoni ffirmata mill-konvenuti kollha proprio et nomine (ara wkoll bhala konferma r-rapport peritali anness) qed jigi ammess illi l-art in kwistjoni mhix proprjeta ta’ Peter Borg izda ta’ Gianni Borg ghax f’tali kuntratt qed tigi elenkata l-proprjeta ta’ Gianni Borg kemm dik parafernali u tal-komunjoni biex tithallas it-taxxa fuqha. Peter Borg almenu fl-2002 meta sar il-kuntratt causa mortis qed jiddikjara flimkien mal-konvenuti kollha li l-art mhix tieghu izda proprjeta parafernali ta’ missieru li skond it-testment ta’ Gianni Borg tal-11 ta’ Novembru 1999 (Dok. TS fol. 318 tal-process) ghaddiet b’wirt lil uliedu kollha. Dan imur kontra dak allegat min Peter Borg f’dan il-process gudizjarju. Kif xehed in-Nutar Spiteri (fol. 253 tal-process) hu qaghad fuq li qalulu l-eredi x’kien jappartjeni lid-decius u ma jkunx ivvintaha hu jew ghamel ricerka sakemm ma jigix mitlub. Dan kollu jinghad minghajr ma wiehed jinsa d-

diskrepanza fattwali fejn qed jigi allegat fl-istess kuntratt causa mortis li l-art hi parafernali ta' Gianni Borg meta d-dokumenti juru li l-iskrittura tal-1972 saret meta l-istess Gianni Borg kien ilu mizzewweg xi tmientax-il-sena.

Kif intqal, Gianni Borg qatt ma seta' kellu pussess li jwassal ghal kontestazzjoni tad-drittijiet tal-koncedent ghax hu ffirma d-dikjarazzjoni f'dan is-sens fil-1972, u la darba l-konvenuti qed jibbazaw ruhhom fuq il-pussess ta' Gianni Borg ghal kull dritt li jista' jkollhom fejn irrizulta biss li Gianni Borg kellu tolleranza fuq l-art in kwistjoni jgib fix-xejn l-element ta' animo domini ta' Gianni Borg u konsegwentement il-pretenzjoni tal-konvenuti billi Gianni Borg miet fl-2002 u ebda wiehed mill-konvenuti ma jista' jipprova preskrizzjoni trentennali a favur tieghu, billi ma jistghax ighaqdu ebda animo domini ta' Gianni Borg ma' taghhom, prova li kienet tinkombi esklussivament lill-konvenuti.

Ghalhekk il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li l-atturi tilfu d-dritt tal-azzjoni bil-perkors ta' tletin sena u illi xi wiehed jew aktar mill-konvenuti gabu prova li akkwistaw titolu ta' proprjeta fuq l-art in kwistjoni bid-dekors tal-istess zmien.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u partikolarment dawk rigwardanti l-preskrizzjoni trentennali tilqa' t-talbiet attrici kollha u ghal fini tal-hames talba tipprefiggi terminu ta' xahar biex il-konvenuti jizgumbraw mill-imsemmija ghalqa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------